MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 322/2011

**Victoria Galea KI 415172M**

**vs**

**Raymond Galea KI 204566M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'din il-kawza bejn koppja mizzewwga u legalment separata b'kuntratt tas-17 ta' Lulju 2007 l-attrici qed tressaq TALBA biex il-konvenut ihallasha elf, erba' mija u dsatax-il Ewro u hames centezmi (€1,419.05c) sehem dovut dwar kontijiet medici u tal-edukazzjoni rigward iz-zewgt itfal taghhom. Dana ghall-perijodu bejn Jannar 2007 u Dicembru 2010 u dana kif johrog mill-kuntratt imsemmi. Bl-ispejjes u bl-imghax.

**Ra** r-RISPOSTA li l-ammont hekk kif reklamat mhux dovut.

II PROVI

1. Fl-udjenza tal-20 ta' Frar 2012 l-**<u>attrici</u>** esibiet hekk:-

Dok A (*a fol* 19 *et seq*) prospett ta' ricevuti dwar dak mitlub.

Dok B (*a fol* 43 *et seq*) *animo ritirandi,* l-att ta' separazzjoni.

2. Meta xehdet fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2012 l-**<u>attrici</u>** qalet li kien impossibbli tiftakar x'kienu l-*items* (jekk mhux miktuba) li jirriferu ghalihom ir-ricevuti tad-Dok A izda kellha tara, flimkien mal-avukat taghha, x'informazzjoni setghet tati **<u>Corinne Galea</u>**; bint il-kontendenti specifikat u qalet li hi segwiet kors ta' *careworker* – ricevuta ghal €70 *a fol* 23, kif ukoll kors dwar *secretarial duties* – ricevuta ta' €585 *a fol* 26.

3. Corinne Galea qalet li dwar il-korsijiet kienet kellmet lil missierha u kien qalilha li jekk tkompli l-korsijiet kien iberikha u jiehu hafna pjacir. Fl-2008 hi kellha 17-il sena.

4. Eventwalment prospett dettaljat tad-Dok A gie esibit u jinsab *a fol* 54 *et seq.*

5. In kontro-ezami **<u>l-attrici</u>** qalet li bejn April 2010 u Frar 2012 it-tifel Joseph kien jirrisjedi ma missieru imma kien imur id-dar ghandha wkoll u kien igibu missieru (il-konvenut). Fil-fatt anke l-isptar dahhlitu.

6. **<u>Francesco Paolo Ferrante</u>** qal li fl-"Outreach Centre" kien jinghata l-privat minn diversi ghalliema u l-attivita' waqfet f'Mejju 2010. L-attivita' kienet issir fil-*basement* tad-dar tieghu. Ikkonferma l-awtenticita' tar-ricevuti *a fol* 25, 33 u 34.

7. In kontro-ezami spjega li *a fol* 34 hemm miktub it-term *three* tal-2009. Fuq dawk *a fol* 25 u 33 m'hemmx data. Dan ifisser likienu ghaz-zewg terms precedenti.

8. **<u>Il-konvenut</u>** xehed li fl-art 5 subinciz 6 tad-Dok B hemm miktub ezattament x'ghandu jinqasam bin-nofs rigwardanti l-manteniment tal-minuri. Dan ifisser li hu m'ghandux ihallas ghal xi medicini komuni bhal Panadol izda jekk ikun hemm nghidu ahna operazzjoni jew – fil-kaz tal-edukazzjoni, il-bdil ta' uniformi shieha. B'danakollu spejjes straordinarji hallas u fir-rigward esibixxa d-Dok RG1 (*a fol* 67). Dan id-dokument juri hlas ta LM250 ghall-ispejjes straordinarji ta' sena. Meta t-tifel mar jghix sena mieghu, lil ommu ma talabiex nofs il-manteniment.

9. In kontro-ezami qal li ma jiftakarx it-tlett cekkijiet esibiti ghal liema spejjes straordinarji jirrigwardjaw. Jaf pero li l-ewwel wiehed ta' LM250 (datat 11/08/2007) kien hargu ezatt wara s-separazzjoni biex martu taqta l-hlas minnu u mhux tmur titolbu ftit ftit. Qal li c-cekkijiet *a fol* 67 "m'inhiex zgur jekk dawn jirriferu ghal-hlasijiet tas-sena 2007. Jiena nghid li dawn keinu jkopru spejjez mill-2007 'l hemm. Ezattament ma nafx peress li jiena qatt ma nghatajt ricevuti. Jiena qatt ma gejt infurmat dwar li kienu ser isiru xi spejjes". Cahad li lil Corinne, allura minuri, qalilha li l-ispejjes kienu accettabbli. Mhux minnu li rema xi ricevuti li kienet baghtitlu l-attrici.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Fl-ewwel lok jigi notat li t-TALBA minn €1,419.05c giet imnaqqsa ghal €1,183.06c konformement mal-prospett *a fol* 55 *et seq* liema prospett sar minhabba li d-Dok A (*a fol* 18 *et seq*) kien jitlob iktar dettalji u kjarifikazzjonijiet.

2. It-TRIBUNAL jara li l-attrici ghamlet li setghet biex izzomm kont ta' kollox f'dak li ghandu x'jaqsam ma medicini u affarijiet tal-iskola. L-ispejjes fir-rigward ma tistax thares lejhom bhala semplici *items* individwalment izda trid thares lejn l-assiem. Ma hux il-kaz li, kif qal il-konvenut speci irrizorjament, li l-Panadol jidhol mal-manteniment ordinarju. It-TRIBUNAL jara li hi accettabbli x-xhieda moghtija *viva voce* minn Corinne Galea, bint issa maggorenni tal-kontendenti. Din xehdet li segwiet kors ta' *careworker* u dak dwar *secretarial duties* u b'dan kienet gharrfet fil-hin lil missierha li approva. Illum il-konvenut, b'mod li t-TRIBUNAL isib inkonvincenti, ammetta li ltaqa ma bintu u tkellmu, izda cahad xi approvazzjoni ghall-korsijiet.

3. Dwar il-korsijiet innifishom, it-TRIBUNAL iqis li f'dawn il-korsijiet jara f'Corinne Galea mgieba ta' wahda li trid tghin lilha nnifisha f'dinja kompetitiva ghall-ahhar.

4. It-TRIBUNAL jara li dak li qed titlob l-attrici jaqa fl-ambitu ta' spejjes straordinarji dwar sahha u edukazzjoni. Hawn izda jrid ikun gwidat minn linji ta' ekwita' u meta jqis kollox isib li *quantum* xieraq ghandu jkun dak ta' €1,000.00c. B'dana li, stante li l-konvenut qatt ma ghamel xi offerta ghal soluzzjoni bonarja u amikevoli anqas wara li gie notifikat b'AVVIZ wara hafna tahbit ghan-notifika, l-imghax ghandu jibda ghaddej mill-jum tal-prezentata tal-AVVIZ.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi:-

(1) **Jilqa** t-talba attrici fl-ammont ta' elf ewro (€1,000.00c) u jichadha dwar il-bqija; (2) **Jilqa** l-eccezzjoni tal-Intimat limitatament in kwantu kompatibbli ma dak accettat fuq il-*quantum* mitlub; (3) **jiddeciedi** li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici il-*quantum* ta' elf ewro (€1,000.00c); (4) **jikkundanna** lill-konvenut li fuq l-€1,000 jithallas imghax mit-13 ta' April 2011 sal-jum tal-pagament effettiv u (5) **jikkundanna** lill-konvenut ihallas l-ispejjes tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------